TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/61/19/S

Kenneth Bartolo
Vs
Pace & Mercieca Ltd

Illum 10 t'Ottubru,2019.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Kenneth Bartolo pprezentata fis-16 ta'Mejju,2019 u r-risposta tas-socjeta Pace & Mercieca Ltd ipprezentata fis-17 ta'Gunju,2019;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda mressqa u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tas-27 ta'Gunju,2019;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda folji tal-injam tac-'chipboard' bil-formajka u bil-'malamine' li kellhom it-truf imtajrin. Dan ma giex kontestat mis-socjeta intimata pero l-kontestazzjoni principali hi li r-rikorrent ma rrapurtax l-ilment tieghu mal-ewwel u halla numru ta'jiem ighaddu;

Illi r-rikorrent ikkonferma li huwa ddecieda li juza' l-folji xorta wahda *nonostante* l-ilment tieghu principalment minhabba li kien maghfus bil-hin biex ilesti x-xoghol tal-injam ghal ibnu;

Illi min-naha taghha, s-socjeta intimata ma kkontestatx li seta' kien hemm xi daqqiet[1] izda insistiet li r-rikorrent kellu jirraporta l-ilment tieghu mal-ewwel u mhux wara li jkun hade mil-folji tal-injam;

Illi jinghad mal-ewwel li dan it-Tribunal jaqbel ma' dak sottomess mis-socjeta intimata;

[1] Ara xhieda ta Alexander Mercieca moghtija fis-27 ta'Gunju,2019.

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Illi r-rikorrent kellu mal-ewwel igib a konjizzjoni tas-socjeta intimata d-difetti li sab u s-socjeta intimata kellha l-obbligu li toffri soluzzjoni;

Illi dan ma jezentax lill-kummercjant mill-obbligu li jaghti dak ordnat minghajr difetti u tal-kwalita pattwita;

Illi l-obbligu tal-prova jinkombi dejjem lil min jallega[2] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta u dan gie ppruvat mir-rikorrent;

Illi dan it-Tribunal jaqbel li r-rikorrent jinghata s-somma gja offruta mis-socjeta intimate ta' €71;

Illi jinghad ukoll li konsumatur ghandu jiccekkja dak kollu ordnat minnu u fil-kaz odjern, is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku r-rikorrenti avza' mal-ewwel lis-socjeta intimata bid-difetti fil-folji tal-injam;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Pace & Mercieca Ltd u Jordna lis-socjeta Pace & Mercieca Ltd thallas lil Kenneth Bartolo is-somma ta' €71 kif fuq spjegat, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

---

[2] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"